REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1081/2008

ta' l-4 ta' Novembru 2008

li jħassar r-Regolament (KEE) Nru 2968/79 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvediment ta' assistenza amministrattiva in konnessjoni mal-esportazzjoni ta' ġobnijiet rotob u maturi tal-ħalib tal-baqar eliġibbli għal trattament speċjali mal-importazzjoni f'pajjiż mhux membru u r-Regolament (KEE) Nru 1552/80 li jistabbilixxi regoli dettaljati biex tingħata assistenza amministrattiva rigward l-esportazzjoni ta' ċertu ġobon eliġibbli għal trattament speċjali meta impurtat fl-Awstralja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 172(2) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) l-Artikolu 172(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2931/79 [2] mill-1 ta' Jannar 2008, jistipula li meta jiġu esportati prodotti agrikoli li jistgħu, skont ftehimiet konklużi mill-Komunità, jibbenefikaw minn trattament speċjali waqt l-importazzjoni ġewwa pajjiż terz jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu rispettati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom, meta jintalbu u wara verifiki xierqa, joħorġu dokument li jiċċertifika li l-kundizzjonijiet tħarsu. Skont dak ir-Regolament, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2968/79 [3] u (KEE) Nru 1552/80 [4] jeħtieġu ċertifikat ippreżentat mill-esportaturi li jindika li l-ġobon hu konformi mad-definizzjoni ppreżentata f'dawk ir-Regolamenti, sabiex jibbenifikaw minn aċċess mingħajr ħlas u bla limitu rispettivament fl-Istati Uniti tal-Amerika u fl-Awstralja.

(2) L-awtoritajiet tal-importazzjoni kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika kkonfermaw li jivverifikaw il-klassifikazzjoni ta' dawk il-ġobnijiet permezz ta' eżami viżiv u permezz ta' analiżi fil-laboratorji ta' kampjuni, u li ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2968/79 m'hemmx bżonnu aktar.

(3) Fl-istess kuntest l-awtoritajiet kompetenti Awstraljani kkonfermaw li, sabiex l-importazzjoni ta' ċerti tipi ta' ġobnijiet Komunitarji msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1552/80 titħalla ħielsa minn kwalunkwe restrizzjonijiet kwantitattivi, huma mhumiex se jkollhom bżonn taċ-ċertifikat ta' identità u ta' oriġini.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 2968/79 u (KEE) Nru 1552/80 għalhekk għandom jitħassru.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2968/79 u r-Regolament (KEE) Nru 1552/80 huma revokati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 334, 28.12.1979, p. 8.
[3] ĠU L 336, 29.12.1979, p. 25.
[4] ĠU L 153, 21.6.1980, p. 23.